Il-ġurija kienet magħmula wkoll mis-Sur Ġino Muscat Azzopardi u mis-Sinjorina Ethel Farrugia.

Is-Sur M.C. Spiteri, KILIN, rebaħ l-ewwel premju ta' £M100 bid-dramm tiegħu BL-IRĠULIJA u BL-ONESTA'.

Iż-żewġ premjijiet ta' £M20 għall-kittieba taħt it-tletin sena inħataw lis-Sur Oreste Calleja bid-dramm GĦASFUR TAĊ-ĊOMB u lis-Sur Ġorġ Buttigieg bid-dramm KARBET IL-ĦELSIEN.

Disa' drammi ġew imsemmija b'ġieh. Dawn huma: KONFLITTI ta' Charles Muscat; ĦUDHA MIEGĦEK UKOLL MOSE' ta' Joseph Vella Bondin; DAWRA DURELLA ta' Tony Cassar Darien; KUNĊERT FIL-QLUB ta' J.C. Caruana; NIXFA FIL-WIED ta' J. Friggieri; IL-GŻIRA L-BAJDA ta' John J. Schranz; IL-KULURI TAL-QAWSALLA ta' Manwel Haber; TAJN ta' Charles H. Izzo u MEWT F'ISRAEL ta' Anne Mangion.

**PAWLU CACHIA, Segretarju Prop. tal-Akkademja**

---

**Għal Malti Isbaħ u Aħjar**

**minn VIC APAP**

# Il-Ħtieġa Ta' Ortografija Tajba

**Huwa ta' soddisfazzjon li qegħdin naraw fl-idejn kotba bil-Malti teknikament ippreżentati tajjeb: sew fil-għażla tal-karta, tat-tipi u ta' dak kollu li jagħmel id-dehra tal-ktieb tiġbdek u tħajrek tieħdu f'idejk biex tibda taqrah. Imma, u dan hu importanti ferm, il-kittieba tagħna ftit li xejn qegħdin iħabblu rashom għall-ortografija. Bħalissa mhux igħaddilna minn moħħna xi żball ta' l-istampa 'l hawn u 'l hinn, imma żbalji li juru nuqqas ta' studju tal-morfoloġija, hekk li jnaqqsu bis-sħiħ il-mertu tal-kitba.**

**Huwa tassew għajb għall-kittieba tagħna li wara dawn is-snin kollha jibqgħu ma jħabblux daqsxejn rashom biex jitgħallmu l-iżjed regoli elementari ta' l-ortografija. Imkien fid-dinja ma jiġu ppubblikati kotba bi traskuraġni hekk gwappa kif qiegħed isir fostna. Dan il-għajb imissu jinqata' mill-aktar fis.**



# KWARTA MA' MUSMAR

**TA' CHARLES THAKE**

Taf li kull pass li tmidd qed tirfes fuqi? . . .
Jien musmar!
Minn mindu sawruni missirijietek, sirt skjav tiegħek... Le?

Ħares lejn il-pett taż-żarbun li xeddejt dal-għodu — int, tfajjel, qed timxi fuq rasi... daqshekk ma fiha xejn, kulħadd irid imidd għonqu għax-xogħol; biss ftakar li meta tkasbarni, indeffes denbi bejn il-pett u sieqek, xejn xejn infakkrek ma tagħtix bis-sieq lill-ġebel. Tara, tfajjel, naħseb għal but missierek aktar minnek!

U x'nieħu?... Daqqa ta' martell, u trażżanli saħħti. Biċċa musmar! Taħseb bejnek u bejn ruħek... Tikber u titgħallem, tfajjel!

Kos, biċċa musmar issibu bħal-labra tal-ħjata, ifassal l-istorja ta' ġensek u ta' twemminek.

Jiena kont hemm meta dawk li ma għarfux x'kienu jagħmlu, salbu lil min ħalqek... kont hemm... forsi aktar qrib Lejh milli kultant tkun int!... Illum igħożżuni fil-Knejjes...

Ħares lejn il-pett taż-żarbun! Qed tirfes fuq rasi.

Jien ukoll innin taħt il-madmad tax-xogħol bla heda li jkiddni...

Ma' sħabi kont inżomm soda pjanċa tal-fraxxnu marbuta ma' prim.

Ta' ħdejja tmermer u tqaċċat; wieħed wara l-ieħor, tlifna saħħitna. Illum is-"San Josè" jinsab midfun fil-ħama ta' Sargasso, lejn l-Indi' tal-Punent, bid-deheb u l-fided tal-Peru' fl-istiva... jien musmar!

X'fih?... X'tara f'musmar?... Imsammar ma' ħajt tal-Louvres. Xejn, xejn, ħlief li għal għexieren ta' snin, bħal driegħ tal-ħadid, żammejtlek, bla ma nċaqlaq, il-għaxqa ta' Da Vinci... eluf... miljuni iħarsu lejha... Biss jien qiegħed hemm ukoll! Tbissem... Tbissem! Min jaf x'jagħmlu jekk inċedi u jaqa' l-kwadru?... It-tbissima tixxotta u leħjitek taqa' wkoll.

Jien musmar imċarrat minn nagħal iż-żiemel tal-ħakkiem f'waqt li t-taqbida tkun ixxaqleb bejn ir-rebħa u l-jasar... jaqa'... demm iċarċar, u ġensek tellief; jew... musmar f'nagħal iż-żiemel tal-galopp; ir-rebbieħ tas-sena. Bews, tazez, flus bl-eluf!... Jien musmar!

Is-snin damu jfittxu bir-reqqa l-Karru ta' l-Imperatur. Fl-aħħar